# WAĦDEK

*Waħdek, ruħ, bla wens, tiġġerra,*
*Fil-għammieq tal-ħsibijiet,*
*Tofroq dalma tidħol f'oħra,*
*Kulma ssib uġiegħ u skiet.*

*Kemm int kbira le ma tagħraf*
*F'waqt għajxienek mal-bnedmin,*
*Il-kliem tagħhom u għemilhom*
*Jagħmlek ċkejkna maċ-ċkejknin.*

*Iżda xħin twarrab minn magħhom,*
*U tinħeba ġewwa fik,*
*Il-ħemda terfgħak fl-għoli,*
*Is-skiet kollox inissik,*

*Issir kbira, bħalma kbira*
*Riedek tkun tal-Hajja s-Sid,*
*Biex fil-ħemda u b'uġiegħek,*
*Dlonk tittajjar, tmur fejn trid.*

*Sakemm waħdek it-triq tfittex,*
*Imqar din ma ssibha mkien,*
*Tibqa' kbira, issir akbar*
*Mill-beraħ bla tarf u ż-żmien.*

*Ibqa' waħdek, ruħ, mifruda*
*Minn din l-agħa tal-ħolqien;*
*L-uġiegħ nisslek, is-skiet sawwrek:*
*Waħdek tasal kullimkien!*

Ġużè' Ellul Mercer.